Il-Ħamis 25 ta' Novembru 2021

P9_TA(2021)0477

Konvenzjoni tal-Aja (1980) dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri: adeżjoni tal-Bolivja *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2021 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Bolivja mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri (COM(2021)0369 – C9-0336/2021 – 2021/0183(NLE))

(Konsultazzjoni)

(2022/C 224/26)

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill (COM(2021)0369),

— wara li kkunsidra l-Artikolu 38(4) tal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 81(3) kif ukoll l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (b), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C9-0336/2021),

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja [1] dwar il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni Ewropea għal dikjarazzjoni ta' aċċettazzjoni ta' adeżjoni mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 82 u l-Artikolu 114(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0307/2021),

1. Japprova l-awtorizzazzjoni lill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea li jaċċettaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, l-adeżjoni tal-Bolivja mal-Konvenzjoni tal-Aja tal-1980 dwar l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali ta' Minuri;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, kif ukoll lill-Bureau Permanenti tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat.

[1] Opinjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-14 ta' Ottubru 2014, 1/13, ECLI:EU:C:2014:2303.